

32006D0762

L 311/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.11.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Novembru 2006

rigward ċerti miżuri ta' ħarsien kontra l-bluetongue fil-Bulgarija

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5315)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/762/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) u (6) tagħha,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Ottubru 2006, il-Bulgarija għarrfet lill-Kummissjoni bis-sejba ta' l-antikorpi tal-bluetongue fil-mogħoż (sentinel) fis-Slovarovo fid-distrett amministrattiv ta' Burgas, fix-Xlokk tal-pajjiż, fil-fruntiera mat-Turkija ("iż-żona affetwata").
- (2) Peress li l-Bulgarija għandha tissieħeb mal-Komunità fl-1 ta' Jannar 2007, hija għarrfet lill-Kummissjoni li pprojbixxiet minnufih iċ-ċaqliq ta' bhejjem ta' l-ispeċi suxxetibbli għall-bluetongue u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom barra miż-żona affetwata, skond id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kontroll u l-qerda tal-bluetongue <sup>(2)</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/393/KE tat-23 ta' Mejju 2005 dwar iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza fir-rigward tal-bluetongue u l-kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċaqliq minn jew ġewwa dawn iż-żoni <sup>(3)</sup>.
- (3) It-tixrid tal-bluetongue miż-żona affetwata jista' jkun ta' periklu serju għall-bhejjem fil-Komunità.
- (4) Sakemm isiru investigazzjonijiet epidemjoloġiċi u fil-laboratorji ulterjuri, jeħtieġ li jiġu sospiżi l-importazzjonijiet fil-

Komunità ta' bhejjem ta' l-ispeċi suxxetibbli għall-bluetongue li joriġina jew li jgħaddi miż-żona affetwata, u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom.

- (5) Peress li s-semen, l-ova u l-embrijuni prodotti qabel l-1 ta' Lulju 2006 jistgħu ma jippreżentawx riskju, is-sospensjoni ta' l-importazzjonijiet se tikkonċerna biss is-semen, l-ova u l-embrijuni prodotti minn din id-data 'l hemm.
- (6) Fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tal-qagħda u r-riżultati ta' aktar investigazzjonijiet imwettqa mill-Bulgarija, il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu riveduti f'laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ma' l-ewwel opportunità.
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjonijiet ta' l-annimali ta' l-ispeċi suxxetibbli għall-bluetongue li joriġina jew li jgħaddi mit-territorji jew partijiet tagħhom imniżżla fl-Anness.

2. L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjonijiet tas-semen, l-ova u l-embrijuni miġbura jew prodotti mill-1 ta' Lulju 2006 u li joriġinaw fit-territorji jew partijiet tagħhom imniżżla fl-Anness.

## Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ sabiex jiġu konformi ma' din id-Deċiżjoni u għandhom jippubbliċizzaw b'mod xieraq u immedjat il-miżuri adottati. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

<sup>(2)</sup> ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.

<sup>(3)</sup> ĠU L 130, 24.5.2005, p. 22. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/693/KE (ĠU L 283, 14.10.2006, p. 52).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2006.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 9 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

ANNEX

Partijiet tat-territorju tal-Bulgarija msemmija fl-Artikolu 1(1) u (2):

Il-kodiċi ISO tal-pajjiż	L-isem tal-pajjiż	Deskrizzjoni ta' parti tat-territorju
BG	Il-Bulgarija	Id-distrett amministrattiv ta': — Burgas